# Linji gwida

# Kumitat għall-Petizzjonijiet

Diċembru 2015

Aġġornament Diċembru 2024

Ċaħda ta' responsabbiltà

Dan id-dokument fih linji gwida ta' natura indikattiva, maħsuba biex jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Ma jindikawx azzjoni esklużiva fir-rigward tat-trattament ta' petizzjonijiet. Jistgħu jkunu xierqa varjazzjonijiet li jieħdu kont taċ-ċirkostanzi individwali, speċifiċi jew partikolari. Dawn il-linji gwida huma mingħajr preġudizzju għat-Titolu IX tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dwar il-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u kwalunkwe dispożizzjoni oħra tar-Regoli ta' Proċedura, u ma jistgħu, taħt l-ebda ċirkostanza, jorbtu lill-Membri jew lis-Segretarjat tal-Kumitat.

**Linji gwida tal-Kumitat PETI**

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa pont bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE, u b'hekk il-Kumitat għandu jkun il-bieb għaċ-ċittadini tal-Ewropa li jressqu t-tħassib u l-ideat tagħhom għall-attenzjoni tar-rappreżentanti eletti tagħhom. Il-Kumitat jirsisti biex l-UE tieħu vantaġġ aħjar mill-esperjenzi diretti taċ-ċittadini b'rabta mad-dritt tal-UE, u għandu wkoll rwol importanti biex jgħin jidentifika l-problemi bl-implimentazzjoni nazzjonali tad-dritt tal-UE. Huma r-responsabbiltà u l-objettiv tagħna li niżguraw li d-drittijiet u l-opportunitajiet kollha li l-leġiżlazzjoni tal-UE toħloq isiru realtà u li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropa.

L-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jipprovdu sett ta' linji gwida modern u flessibbli biex jiġi strutturat ix-xogħol fil-Kumitat tagħna, biex liċ-ċittadini tagħna nkunu nistgħu inservuhom aħjar. Minħabba n-numru għoli ta' petizzjonijiet li qed nirċievu, huwa kruċjali li jkun hemm proċeduri amministrattivi adegwati fis-seħħ biex ikun żgurat fluss tax-xogħol tajjeb sabiex inkunu nistgħu nagħtu l-attenzjoni meħtieġa li kull petizzjoni jistħoqqilha. Jeħtiġilna wkoll niżguraw livell ġdid ta' parteċipazzjoni mill-Membri fil-ħidma tal-Kumitat.

Dawn il-linji gwida huma sett komuni ta' regoli biex jittejjeb ix-xogħol tal-Kumitat u titrawwem il-kooperazzjoni ma' kumitati, istituzzjonijiet, Stati Membri u parlamenti nazzjonali oħra. L-għan tagħna lkoll huwa li l-Kumitat isir aktar viżibbli u rilevanti f'ħidmet il-kumitati leġiżlattivi, sabiex fil-ħidma leġiżlattiva jittieħed aktar kont tal-preokkupazzjonijiet u l-esperjenzi taċ-ċittadini. Il-Kumitat għandu wkoll l-għan li jagħti aktar viżibbiltà lill-ħtiġijiet u lit-tħassib tal-petizzjonanti fid-dibattiti plenarji. It-trattament tal-petizzjonijiet m'għandux ikun kwistjoni esklużivament għal dan il-Kumitat, iżda responsabbiltà kondiviża madwar l-istituzzjoni u flimkien ma' oħrajn.

Dawn il-linji gwida jippruvaw ukoll irawmu l-kooperazzjoni u l-kunsens fi ħdan il-Kumitat filwaqt li jirrikonoxxu li ma jkunx dejjem possibbli li jintlaħaq kunsens. Meta jiġri dan, huwa importanti li jkun hemm regoli ċari, ġusti u trasparenti biex kulħadd — Membri u petizzjonanti — jifhem il-proċeduri u l-limiti. Din hija r-raġuni għaliex ċerti regoli u proċeduri għandhom ikunu fis-seħħ, anke jekk dawn spiss ma jkunux meħtieġa. Madankollu, dawn il-linji gwida mhumiex definittivi iżda huma dokument ħaj. Il-Kumitat u l-Koordinaturi għandhom il-prerogattiva li jinterpretaw, japplikaw u jemendaw il-linji gwida.

B'dawn il-linji gwida, il-Kumitat PETI qed jidħol f'era ġdida li hija msaħħa permezz tal-iżvilupp tal-portal PETI, li fil-futur se jippermetti servizz aħjar għall-petizzjonanti u ċ-ċittadini kollha u li, eventwalment, se jimmodernizza wkoll il-metodi ta' ħidma tal-Kumitat kollu.

Cecilia Wikström,
Eks President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

**0. It-terminoloġija**

*Kumitat* tirreferi għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

*Membri* dejjem tirreferi għal Membri sħaħ jew Membri sostituti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

*Segretarjat* tirreferi għas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

## 1. L-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat

L-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat hija proposta mill-President, bl-appoġġ tas-Segretarjat, u titressaq lill-Koordinaturi għall-approvazzjoni.

Il-Koordinaturi jieħdu deċiżjoni fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat li jmiss. F'każ li l-perjodu bejn l-aħħar laqgħa tal-Koordinaturi u l-laqgħa li jmiss tal-Kumitat ikun ta' inqas minn 15-il jum kalendarju, il-Koordinaturi jiddeċiedu fuq l-aġenda fi proċedura bil-miktub.

L-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat titfassal bl-objettiv ta' diversità tematika, u tippermetti żmien biżżejjed għal diskussjoni dwar kull petizzjoni fuq l-aġenda. Suġġetti simili huma miġbura flimkien. Fejn possibbli, suġġett diskuss fil-Kumitat għandu jinkludi petizzjonijiet minn aktar minn Stat Membru wieħed.

B'mod ġenerali, l-eżami ta' petizzjonijiet, speċjalment meta l-petizzjonanti x'aktarx ikunu preżenti, għandu jitqiegħed fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat qabel l-iskambju ta' fehmiet dwar rapporti, eżamijiet ta' opinjonijiet jew kwistjonijiet oħra simili.

L-abbozzi ta' opinjonijiet u rapporti jitqiegħdu fuq l-aġenda skont l-iskedi rispettivi tagħhom, miftehma mir-rapporteurs. L-opinjonijiet jitpoġġew fuq l-aġenda unikament għal eżami ta' abbozz ta' opinjoni u għall-votazzjoni. Fil-każ ta' rapporti, skambju ta' fehmiet mingħajr dokument u eżami tal-emendi jistgħu wkoll jitqiegħdu fuq l-aġenda fuq talba tar-rapporteur.

Il-gruppi politiċi u l-Koordinaturi jistgħu jitolbu li petizzjonijiet jiġu inklużi f'aġenda tal-Kumitat. Talbiet bħal dawn, akkumpanjati minn ġustifikazzjoni, iridu jiġu ppreżentati lis-Segretarjat, għal deċiżjoni mill-Koordinaturi.

Biex ikun jista' jkun hemm ippjanar xieraq tal-laqgħat kif ukoll żmien biżżejjed biex jinfurmaw lill-petizzjonanti, tali talbiet jeħtieġ li jiġu ppreżentati madwar xahrejn qabel il-laqgħa mixtieqa skont l-iskema li ġejja:

| 10 ijiem qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi ta' xahar X<br>Eżempju: 30/10/2015 | Laqgħa tal-Koordinaturi<br>Laqgħa tal-Kumitat xahar X (Laqgħa ta' 12/11) | Laqgħa tal-Koordinaturi<br>Laqgħa tal-Kumitat xahar X+1 (Laqgħa ta' Diċembru, 03/12) | Laqgħa tal-Kumitat xahar X+2 (Laqgħa ta' Jannar, 28/01/2016) |
|---|---|---|---|
| **Preżentazzjoni ta' talba tal-grupp dwar il-laqgħa tal-Kumitat fix-xahar X+2**<br>**Eżempju: Laqgħa ta' Jannar** | **Deċiżjoni dwar it-talba tal-grupp għax-xahar X+2** | **Adozzjoni tal-aġenda tal-Kumitat sħiħ għax-xahar X+2, inkluża t-talba tal-grupp** | **Il-petizzjoni tiġi diskussa fil-Kumitat**<br>**Laqgħa tat-28 ta' Jannar 2016** |

Il-Koordinaturi japprovaw l-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat, inkluża lista ta' petizzjonanti li huma mistennija li jkunu preżenti fil-laqgħa. Il-petizzjonanti kollha jiġu infurmati jekk il-petizzjoni tagħhom tiġi inkluża fl-aġenda għad-diskussjoni.

**2. Ammissibbiltà**

Regoli dwar deċiżjonijiet dwar l-ammissibbiltà huma dettaljati fir-Regoli ta' Proċedura (l-Artikolu 232).

**3. Rakkomandazzjonijiet u kontestazzjonijiet**

Is-Segretarjat jipprepara dokument ta' Sommarju, Informazzjoni u Rakkomandazzjoni (SIR) għal kull petizzjoni rreġistrata. Id-dokument SIR fih rakkomandazzjoni dwar l-ammissibbiltà jew l-inammissibbiltà u dwar is-segwitu li għandu jingħata.

Petizzjonijiet li diġà ġew iddikjarati inammissibbli fil-Lista 3 ma jsirx sommarju tagħhom, iżda t-titolu tagħhom, referenza qasira għal-Lista 3 u r-raġuni għall-klassifikazzjoni jiġu inklużi fid-dokument SIR.

Id-dokumenti SIR jintbagħtu lill-Membri kollha tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet l-ewwel bl-Ingliż, imbagħad jiġu tradotti fil-lingwi kollha hekk kif dawn ikunu disponibbli.

Il-Membri jistgħu jikkontestaw rakkomandazzjonijiet f'limitu ta' żmien stabbilit (normalment 16-il jum ta' xogħol). Jekk ma jiġux riċevuti kontestazzjonijiet sad-data tal-iskadenza, ir-rakkomandazzjonijiet jitqiesu bħala approvati u s-Segretarjat jipproċedi bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni f'isem il-President.

Il-Membri jistgħu jikkomunikaw kwalunkwe kontestazzjoni lis-Segretarjat fi żmien l-iskadenza stabbilita u jippreżentaw ġustifikazzjoni sostanzjata kif xieraq.

Jekk rakkomandazzjoni tiġi kkontestata, il-President, megħjun mis-Segretarjat, jinvestiga s-sitwazzjoni u jipprova jsib mod adattat biex jittratta l-petizzjoni. Il-President jissottometti nota lill-Koordinaturi u lill-Membru(i) li oriġinarjament qajmu l-oġġezzjonijiet. Din in-nota tinkludi r-rakkomandazzjoni oriġinali mis-Segretarjat, l-oġġezzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni u r-rakkomandazzjoni motivata tal-President għal azzjoni. Din in-nota hija trażmessa għall-approvazzjoni mill-Koordinaturi mill-inqas ġimgħa qabel ma ssir il-laqgħa tal-Koordinaturi.

Jekk Koordinatur ma jaqbilx mal-kompromess propost mill-President, huwa għandu jinforma lill-President, lis-Segretarjat u lill-Koordinaturi l-oħra jumejn ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi. Dan huwa meħtieġ sabiex il-President u l-Koordinaturi kollha jħejju ruħhom għal deċiżjoni.

Jekk ħadd ma joġġezzjona għar-rakkomandazzjonijiet mill-President, il-proposti tal-President jitqiesu li ġew adottati. Jekk ikun hemm oġġezzjonijiet għall-kompromessi proposti mill-President, huma jiġu diskussi individwalment u deċiżi mill-Koordinaturi. F'kull każ, id-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tittieħed l-ewwel f'konformità mal-Artikolu 232(10), u mbagħad fuq il-kontenut tas-segwitu mixtieq. Jekk meħtieġ, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'votazzjoni.

Wara li rakkomandazzjoni tkun ġiet meqjusa bħala approvata, il-President jinforma lill-petizzjonanti dwar is-segwitu tal-Kumitat. Is-sommarji u r-rakkomandazzjonijiet jiġu sussegwentement imdaħħla fuq e-Petition.

Is-sommarji jiġu ppubblikati fuq il-portal tal-internet tal-Kumitat f'konformità mal-Artikoli 232(12) u 235(2).

**4. Iċ-ċaqliq ta' petizzjonijiet mil-Lista 3**

Petizzjonijiet li huma vvalutati bħala potenzjalment mhux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 227 tat-TFUE jitqiegħdu fuq lista speċifika ("Lista 3") minn DĠ PRES u kkomunikati lill-Membri separatament għal deċiżjoni.

Il-Membri jistgħu jitolbu li petizzjoni titneħħa minn fuq il-Lista 3 fi żmien skadenza stipulata mill-President. L-iskadenza normalment hija l-jum tal-laqgħa tal-Koordinaturi li jmiss.

Talbiet bħal dawn għandhom isiru bil-miktub lill-President u lis-Segretarjat. It-talba għandu jkun fiha ġustifikazzjoni.

Wara li tkun għaddiet l-iskadenza, il-Lista 3 titqies bħala approvata u l-petizzjonijiet kollha li jibqgħu fuq il-Lista 3 jitqiesu inammissibbli u soġġetti għal proċedura mqassra. Is-Segretarjat jiċċirkola informazzjoni dwar il-Lista 3 finali lill-Membri kollha.

**5. Proċedura ta' urġenza**

Fil-proċedura normali (dokument SIR), il-petizzjonijiet jinġabru fil-qosor u deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħhom tittieħed abbażi tal-ordni li fih ikunu waslu.

Jekk Membru jkun tal-fehma li petizzjoni hija partikolarment urġenti, huwa jista' jitlob l-approvazzjoni tal-Koordinaturi rigward il-kwistjoni tal-ammissibbiltà fuq bażi *ad hoc*, qabel ma l-petizzjoni tiġi inkluża f'dokument SIR. F'dan ir-rigward, huwa wkoll possibbli li tintalab tweġiba mill-Kummissjoni b'mod mgħaġġel.

Talbiet għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' urġenza għandhom jintbagħtu lill-President u lis-Segretarjat permezz ta' e-mail, b'ġustifikazzjoni ċara u debitament sostanzjata għar-raġuni li għaliha l-petizzjoni għandha tiġi ttrattata b'mod urġenti. Talba bħal din għandha ssir mill-inqas 10 ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi li jmiss.

Għal kull talba għall-proċedura ta' urġenza fejn deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ma tkunx għadha ttieħdet, is-Segretarjat jipprovdi sommarju u rakkomandazzjoni preliminari lill-Koordinaturi.

Jekk il-Koordinaturi jaqblu mat-talba ta' trattament ta' urġenza, id-dokument SIR rigward il-petizzjoni jintbagħat lill-Membri kollha għall-adozzjoni, fi żmien sitt ijiem ta' xogħol.

Jekk petizzjoni tiġi ddikjarata ammissibbli, hija tkun eliġibbli biex titqiegħed fuq l-aġenda.

Il-proċedura ta' urġenza għandha tintuża b'mod restrittiv u koerenti.

**6. Investigazzjoni inizjali: talbiet għal informazzjoni lill-KE u awtoritajiet oħra**

Il-Kumitat jiddeċiedi dwar l-ewwel passi li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-trattament ta' petizzjoni fl-istess ħin li huwa jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà, abbażi tar-rakkomandazzjoni tas-Segretarjat (dokument SIR). Diversi linji ta' azzjoni jistgħu jittieħdu b'mod parallel billi huma komplementari.

Il-Kummissjoni

Petizzjoni tista' tintbagħat lill-Kummissjoni għal investigazzjoni preliminari, partikolarment bil-ħsieb li jiġi vvalutat is-suġġett tal-petizzjoni b'rabta ma' leġiżlazzjoni u politiki rilevanti. Fit-talbiet tiegħu għal informazzjoni, il-Kumitat jagħmel ħiltu biex jiddefinixxi preċiżament il-kwistjonijiet li jixtieq li l-Kummissjoni tinvestiga. Il-petizzjonijiet li jaslu f'lingwi li mhumiex l-EN, il-FR u l-DE l-ewwel għandhom jiġu tradotti.

Is-Segretarjat Ġenerali huwa l-punt ċentrali ta' kuntatt għall-Kumitat fil-Kummissjoni Ewropea. Huwa jibgħat il-petizzjonijiet u t-talbiet għal informazzjoni lis-servizz responsabbli għal tweġiba u jikkoordina t-trażmissjoni tat-tweġibiet lis-Segretarjat, li sussegwentement jinforma lill-Membri u lill-petizzjonanti.

Is-Segretarjat jevalwa jekk ikunx hemmx aspetti f'petizzjonijiet ġodda li ma jkunux ġew koperti mill-Kummissjoni b'talbiet preċedenti għal informazzjoni. Jivverifika wkoll jekk ikunx hemm qafas leġiżlattiv ġdid fis-seħħ. F'każ li ma jkunx hemm elementi ġodda ovvji, petizzjoni tista' tintbagħat lill-Kummissjoni għal informazzjoni jekk dan ikun utli, pereżempju, fit-tħejjija ta' inizjattivi leġiżlattivi ġodda jew valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

Il-Kumitat jistenna li jirċievi tweġiba mill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur minn meta jkun bagħat il-petizzjoni tradotta u d-dokumenti rilevanti kollha, sakemm għal raġunijiet ġustifikati s-Segretarjat ma jkunx ġie infurmat dwar skadenza aktar tard.

Jekk ebda tweġiba ma tkun waslet fi żmien l-iskadenza, is-Segretarjat ifakkar lill-Kummissjoni dwar it-talba u jistedinha għal-laqgħa tal-Kumitat PETI li matulha tiġi diskussa l-petizzjoni. Fil-prinċipju, l-ebda petizzjoni ma tista' tingħalaq waqt li tkun mistennija tweġiba mill-Kummissjoni.

SOLVIT

SOLVIT huwa servizz offrut mill-amministrazzjoni nazzjonali f'kull pajjiż tal-UE. Huwa prinċipalment servizz online, li jista' jiġi kkuntattjat permezz tas-sit tal-internet tiegħu. Is-servizz SOLVIT tal-Kummissjoni jikkoordina u jgħin lis-servizzi nazzjonali, iżda ma jipprovdix servizzi direttament liċ-ċittadini.

Meta petizzjoni tkun marbuta mas-suq intern (eż. jekk id-drittijiet tal-UE tal-petizzjonant bħala ċittadin jew bħala negozju jkunu ġew miksura mill-awtoritajiet pubbliċi fi Stat Membru ieħor), tista' ssir rakkomandazzjoni lill-petizzjonant biex jikkuntattja l-helpdesk SOLVIT fl-Istat Membru tiegħu. Il-Kumitat ma jibgħatx il-petizzjonijiet direttament lil SOLVIT għax għandha tkun l-għażla tal-petizzjonant jekk jagħmilx użu minn din l-għażla.

Istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħrajn tal-UE

Il-Kumitat jista' wkoll jitlob informazzjoni jew opinjoni lil istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħrajn tal-UE. Skadenza għal tweġiba (normalment tliet xhur) tkun indikata fit-talba.

Il-Kumitat ma jirreferix il-petizzjonijiet lill-Ombudsman Ewropew direttament, peress li għandha tkun l-għażla tal-petizzjonant iressaqx ilment quddiem l-Ombudsman jew le. Madankollu, il-Kumitat jista' jagħti parir lill-petizzjonant biex jagħmel dan jekk iqis li s-suġġett jaqa' taħt il-mandat tal-Ombudsman.

L-Istati Membri

Jekk il-petizzjoni tikkonċerna sitwazzjoni speċifika fi Stat Membru, il-Kumitat għandu jibgħat il-petizzjoni flimkien ma' mistoqsijiet konkreti lill-Istat Membru kkonċernat. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, it-talba tintbagħat permezz tar-Rappreżentanza Permanenti, li mbagħad tgħaddi t-talba lill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali adatti. Il-Kumitat jista' jitlob li l-petizzjoni tiġi sottomessa lil awtorità speċifika. Sabiex jiġi żgurat ipproċessar f'waqtu tat-talba tal-Kumitat mill-Istat Membru, is-Segretarjat jikkoordina mal-persunal rilevanti tar-Rappreżentanza Permanenti qabel is-sottomissjoni tagħha.

Il-Kumitat jitlob tweġiba mill-Istat Membru u jekk tali tweġiba ma tkunx waslet fi żmien tliet xhur, is-Segretarjat ifakkar lir-Rappreżentanza Permanenti dwar it-talba.

Is-Segretarjat iżomm lill-Koordinaturi mgħarrfin darbtejn fis-sena dwar tweġibiet pendenti mingħand l-Istati Membri. F'każ ta' rifjut persistenti minn Stat Membru li jipprovdi informazzjoni, il-Kumitat jista' jirrikorri għand il-Kummissjoni bit-talba għal informazzjoni.

Fi stadji aktar tard tal-investigazzjoni, il-Kumitat jista' jagħmel kuntatt dirett mal-awtorità nazzjonali/lokali filwaqt li r-Rappreżentanza Permanenti tinżamm infurmata.

**7. Investigazzjonijiet fi ħdan il-PE: Dipartimenti Tematiċi u Servizz ta' Riċerka tal-PE (EPRS)**

Il-ħidma tal-Kumitat hija appoġġjata mid-Dipartimenti Tematiċi, li jistgħu jipprovdu studji u briefings u jorganizzaw sessjonijiet ta' ħidma. Deċiżjonijiet dwar l-użu tas-servizzi ta' Dipartimenti Tematiċi dejjem jittieħdu mill-Koordinaturi. Il-Kumitat jadotta programm annwali dwar ir-riċerka u s-sessjonijiet ta' ħidma, iżda jista' wkoll jitlob studji oħra matul is-sena jekk jitfaċċaw suġġetti importanti ġodda. Jekk grupp politiku jkun irid juża din l-opportunità, talba għal dak l-għan għandha tiġi ppreżentata lill-President u lill-Koordinaturi. Deċiżjonijiet dwar attivitajiet supplimentari barra l-programm annwali jistgħu jsiru wara konsultazzjoni mad-Dipartiment Tematiku dwar il-fattibbiltà ta' din it-talba.

Il-Membri jistgħu wkoll jitolbu informazzjoni mingħand is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS). Bħala regola ġenerali, l-informazzjoni li tkun waslet mingħand l-EPRS u d-Dipartiment Tematiku għandha tiġi trażmessa lis-Segretarjat sabiex tkun tista' tittella' fuq ePeti u wkoll issir disponibbli għall-Membri u l-membri tal-persunal kollha li jkunu qed isegwu x-xogħol tal-Kumitat.

**8. Investigazzjonijiet permezz ta' kumitati oħra, kooperazzjoni b'mod ġenerali u n-Network għall-Petizzjonijiet**

Il-Kumitat jista' jibgħat il-petizzjonijiet lil kumitati oħrajn tal-Parlament Ewropew għal opinjoni jew informazzjoni f'konformità mad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati ta' Lulju 1998.

Meta tintalab opinjoni, tista' tiġi pprovduta f'forma ta' ittra jew dokument bil-miktub ieħor. Il-kontenut u l-forma tat-tweġiba jitħallew f'idejn il-kumitat ikkonċernat. L-ebda petizzjoni m'għandha tingħalaq waqt l-istennija għal opinjoni jew tweġiba minn kumitat ieħor.

Il-petizzjonijiet li jintbagħtu għal skopijiet ta' informazzjoni ma jirrikjedux tweġiba, peress li huma maħsuba sempliċiment biex jinnotifikaw lill-kumitat l-ieħor biex jieħu nota ta' kwistjoni mqajma fil-petizzjoni.

Effettivament permezz tas-Segretarjat, iżda taħt it-tmexxija politika tal-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, il-Kumitat jista' jitlob feedback adegwat u regolari mill-kumitati kollha.

Il-Kumitat jista' wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet lil kumitati oħra dwar azzjoni possibbli u jadotta opinjonijiet dwar rapporti minn kumitati oħra.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet se jwaqqaf Network għall-Petizzjonijiet fi ħdan il-PE biex titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet li jitqajmu fil-petizzjonijiet u biex jiffaċilita t-trattament tal-petizzjonijiet f'kumitati oħra li jintbagħtu lilhom għal opinjoni jew għal skopijiet ta' informazzjoni. In-Network se jiġi stabbilit b'deċiżjoni mill-Koordinaturi malajr kemm jista' jkun fil-bidu tal-leġiżlatura parlamentari. Il-kumitati l-oħra kollha se jiġu mistiedna jingħaqdu billi jinnominaw mill-inqas Membru wieħed għal dan in-Network, idealment mhux Membru tal-Kumitat PETI.

B'mod simili, network ta' appoġġ se jinħoloq fil-livell tal-persunal biex jiġi żgurat it-tħaddim regolari tan-Network għall-Petizzjonijiet.

Dettalji dwar it-tħaddim konkret tan-Network għandhom ikunu pprovduti f'dokument separat (disponibbli f'data aktar tard).

**9. Gruppi ta' ħidma interni**

Kull petizzjoni tiġi ttrattata individwalment. Madankollu, meta suġġetti simili jirriżultaw f'diversi petizzjonijiet, il-Kumitat jista' jagħżel li jaħtar Membru wieħed jew aktar minn fost il-Membri tiegħu, normalment rappreżentant wieħed minn kull grupp politiku, biex iwettqu investigazzjoni dwar suġġett speċifiku li huwa jqis ta' importanza konsiderevoli.

Il-mandat tal-grupp ta' ħidma huwa deċiż mill-Koordinaturi. It-tul ta' grupp ta' ħidma għandu jkun ta' massimu ta' sena, li mbagħad jista' jiġġedded wara l-konferma mill-Koordinaturi. Il-grupp ta' ħidma jeleġġi l-President tiegħu stess b'kunsens, jew jekk ikun meħtieġ, b'sistema ta' vot peżat, u jiddeċiedi dwar il-metodi ta' ħidma tiegħu u d-dettalji dwar il-kontenut tal-ħidma.

Fi tmiem il-mandat, il-grupp ta' ħidma għandu jirrapporta lura lill-Kumitat sħiħ fil-forma ta' rapport. Meta jirċievi r-rapport mill-grupp ta' ħidma, il-Kumitat jiddeċiedi dwar liema għażliet proċedurali jistgħu jiġu segwiti (ara l-Anness dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura li japplikaw għall-kumitati kollha).

Is-Segretarjat jiżgura li l-Membri tal-grupp ta' ħidma jkunu debitament aġġornati dwar l-iżviluppi rigward il-petizzjonijiet rilevanti. Il-Membru(i) maħtura jistgħu jikkomunikaw ma' kumitati oħrajn biex ikun hemm segwitu.

Wara l-investigazzjoni, huma jistgħu jindikaw meta s-suġġett ikun lest għal aktar diskussjoni fil-Kumitat. Jistgħu wkoll jikkontribwixxu għar-rapport annwali tal-Kumitat.

**10. Aktar xogħol investigattiv**

L-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu dwar dossier partikolari huma proposti mis-Segretarjat f'dokument SIR u l-Kumitat jiddeċiedi dwarhom permezz ta' proċedura bil-miktub. L-informazzjoni riċevuta (eż. mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru) tiġi mdaħħla fil-bażi tad-data e-Petition u indikata bħala A (għal diskussjoni), B (għandha tingħalaq) jew P (tistenna informazzjoni ulterjuri), u l-petizzjonant jiġi infurmat skont dan. Ladarba jkun kompletament operattiv, il-portal tal-internet jipprovdi notifiki f'ħin reali.

Il-petizzjonijiet ammissibbli kollha li jitressqu quddiem il-Kumitat jirċievu s-segwitu meħtieġ. Jekk l-azzjoni deċiża ma tkunx wasslet għat-tweġiba jew għall-eżitu mixtieqa fi ħdan l-iskeda taż-żmien mistennija (ara t-taqsima 6), is-Segretarjat jinforma lill-Membri b'dan. Jekk il-maġġoranza tal-Kumitat tqis li l-ebda azzjoni ulterjuri ma tista' tittieħed biex il-petizzjoni titmexxa 'l quddiem, din il-petizzjoni tiġi mmarkata biex tingħalaq.

Petizzjonijiet li jkunu qed jistennew ir-riżoluzzjoni ta' proċedimenti ta' ksur, l-Artikolu 258 tat-TFUE

Jekk is-suġġett ta' petizzjoni jkun marbut ma' kwalunkwe stadju ta' proċedimenti ta' ksur imressqa mill-Kummissjoni kontra Stat Membru, il-petizzjoni tista' tiġi mmarkata fir-reġistru bħala "pendenti sa ma jingħalqu l-proċedimenti ta' ksur". Waqt li s-suġġett ikun taħt proċedimenti ta' ksur, il-petizzjoni ma tingħalaqx. Peress li l-Kummissjoni ma tagħmel disponibbli l-ebda informazzjoni li torbot il-proċedimenti ta' ksur ma' petizzjonijiet, is-Segretarjat mhuwiex f'pożizzjoni li jipprovdi aġġornamenti dettaljati lill-Membri. Huwa jagħmel mill-aħjar, madankollu, biex isegwi l-iżvilupp ta' tali proċedimenti, bl-għajnuna tal-Kummissjoni *in bona fide*. Jekk il-proċedimenti ta' ksur ikunu ġew konklużi u s-Segretarjat ikun ġie infurmat, huwa jgħaddi l-informazzjoni lill-Membri u l-petizzjonanti inkwistjoni. Il-Kumitat għandu mbagħad jiddeċiedi jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri jew jekk il-petizzjoni għandhiex tingħalaq.

Petizzjonijiet li jkunu qed jistennew informazzjoni mingħand l-Istati Membri

Jekk tkun intbagħtet talba lil Stat Membru, awtorità reġjonali jew lokali u l-informazzjoni mitluba tkun importanti biex tissolva l-kwistjoni tal-petizzjonant, jekk ma tkun waslet l-ebda tweġiba fi żmien tliet xhur tintbagħat nota ta' tfakkira u l-petizzjoni tiġi mmarkata fir-reġistru bħala "pendenti sa ma tasal informazzjoni minn Stat Membru". Ladarba teknikament fattibbli, din l-informazzjoni tista' tiġi ppubblikata fuq il-portal tal-Kumitat PETI.

Darba kull sitt xhur, lista tal-petizzjonijiet kollha mmarkati bħala tali hija trażmessa lill-Istat Membru rilevanti permezz tar-Rappreżentanza Permanenti sabiex il-Kumitat ikun jista' jikseb aġġornament dwar kull każ. Il-Kumitat imbagħad jiddeċiedi jekk petizzjoni għandhiex tibqa' fuq il-lista, liema azzjoni għandha tittieħed, jew jekk il-petizzjoni għandhiex tingħalaq (ara wkoll it-Taqsima 6).

**11. Diskussjonijiet dwar petizzjonijiet fil-laqgħat tal-Kumitat**

Il-petizzjonijiet immarkati bħala "A" ikunu soġġetti għal diskussjoni orali fil-Kumitat. Id-diskussjonijiet dwar dawn il-petizzjonijiet huma bbażati fuq il-Komunikazzjonijiet lill-Membri li tibgħat il-Kummissjoni, dokumenti rilevanti oħra u/jew kontribut mill-petizzjonanti, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati oħra possibbli.

Il-petizzjonanti għandhom id-dritt li jattendu l-laqgħa tal-Kumitat meta l-petizzjoni tagħhom tkun qed tiġi diskussa. Il-petizzjonanti dejjem jiġu infurmati mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tal-aġenda tal-laqgħa jekk il-petizzjoni tagħhom tkun se tiġi ttrattata bħala punt A dettaljat hawn fuq. Il-Kummissjoni hija mistiedna tattendi l-laqgħa tal-Kumitat. L-Istat Membru kkonċernat fil-petizzjoni jiġi avżat minn qabel u huwa mħeġġeġ jattendi l-laqgħa tal-Kumitat u jagħmel stqarrija. Fejn xieraq, l-istess prinċipju jista' jiġi applikat għal partijiet interessati rilevanti oħra, wara approvazzjoni minn qabel tal-Koordinaturi.

Jekk il-petizzjonant ikun preżenti, huwa jingħata l-opportunità li jitkellem l-ewwel, normalment għal ħames minuti għal petizzjoni waħda, sabiex jippreżenta l-każ tiegħu u jipprovdi informazzjoni addizzjonali. Il-President jagħmel ħiltu biex jagħti lill-petizzjonant il-possibbiltà li jagħmel kummenti konklużivi qabel tittieħed id-deċiżjoni dwar is-segwitu li għandu jingħata lill-petizzjoni.

Wara li jikkunsidra petizzjoni, il-Kumitat jista' jifformola rakkomandazzjoni għal azzjoni ulterjuri u jiddeċiedi li jħalli l-petizzjoni miftuħa. Il-petizzjonijiet li jibqgħu miftuħin huma investigati ulterjorment mill-Kumitat f'konformità mad-deċiżjoni ta' segwitu meħuda matul il-laqgħa.

Jekk il-Kumitat jikkonkludi li petizzjoni tkun ġiet diskussa biżżejjed, il-petizzjoni tingħalaq. Il-petizzjonant jiġi infurmat b'dan u jingħata r-raġunijiet għall-għeluq.

Jekk il-Kumitat ma jkunx jista' jilħaq kunsens dwar segwitu ulterjuri jew dwar l-għeluq tal-petizzjoni, jista' jittieħed vot (b'maġġoranza sempliċi). Fin-nuqqas ta' kworum, id-deċiżjoni tista' tiġi riferuta lill-Koordinaturi.

**12. Il-komunikazzjoni mal-petizzjonanti**

Il-petizzjonanti jiġu infurmati mill-aktar fis possibbli, b'ittra ffirmata mill-President, dwar deċiżjoni meħuda mill-Kumitat dwar l-ammissibbiltà u, fejn xieraq, is-segwitu li għandu jingħata lill-petizzjoni tagħhom. Il-petizzjonanti jiġu infurmati wkoll, meta l-petizzjoni tagħhom tkun diskussa fil-Kumitat, dwar l-eżitu tad-diskussjoni u meta l-petizzjoni tagħhom tingħalaq.

Il-petizzjonant jingħata l-Komunikazzjoni lill-Membri, meta possibbli, qabel ma l-petizzjoni tiegħu/tagħha tiġi diskussa fil-Kumitat.

Il-petizzjonant jista' jintalab jipprovdi informazzjoni ġdida permezz ta' ittra jew permezz ta' email mis-Segretarjat. L-iskambji kollha bil-miktub mal-petizzjonanti huma rreġistrati f'e-Petition.

Ladarba teknikament fattibbli, il-petizzjonant jista' jingħata aġġornamenti (il-bidla fl-istatus, CMs) tal-petizzjoni tiegħu permezz tal-portal tal-Petizzjonijiet.

## 13. Żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni

Ir-regoli ewlenin dwar iż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni jinsabu fl-Artikolu 234 tar-Regoli ta' Proċedura. Ir-regoli stabbiliti mill-Bureau dwar żjarat tad-delegazzjonijiet japplikaw għal żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni.

Il-Kumitat jagħmel ħiltu biex juża l-kwota annwali tiegħu għal żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni.

Meta deċiżjoni tittieħed mill-Kumitat biex issir żjara ta' ġbir ta' informazzjoni, lill-Membri tintbagħtilhom sejħa għal espressjoni ta' interess għall-parteċipazzjoni. Il-membri tad-delegazzjoni jinħatru mill-gruppi politiċi tagħhom, abbażi ta' sistema d'Hondt (flessibbli), f'limitu ta' żmien stabbilit. F'każ li grupp b'siġġu allokat jonqos milli jipprovdi isem, is-slot jiġi offrut lil grupp li nkella ma jkunx irrappreżentat. L-għan huwa li kemm jista' jkun gruppi jkunu rrappreżentati.

Il-Membru li jippresjedi d-delegazzjoni taż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni jintagħżel skont ordni ta' protokoll. Jekk la l-President u lanqas il-Viċi Presidenti ma jipparteċipaw f'din iż-żjara, id-delegazzjoni teleġġi l-president tagħha u din id-deċiżjoni tiġi approvata mill-Koordinaturi. Membri *ex officio* ma jistgħux jippresjedu delegazzjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-regoli adottati mill-Bureau dwar żjarat tad-delegazzjonijiet, mhux aktar minn Membru *ex officio* wieħed għal kull grupp politiku jista' jieħu sehem fi żjara ta' ġbir ta' informazzjoni.

Is-Segretarjat, f'kooperazzjoni mal-membri tad-delegazzjoni, joħloq programm u sett ta' proposti li jiddefinixxu l-objettivi taż-żjara. Il-programm hu diskuss u approvat mill-Koordinaturi.

Minħabba raġunijiet li jirrigwardaw l-interpretazzjoni, il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni ma tistax tiġi modifikata [4] ġimgħat qabel iż-żjara.

Il-Kap tad-Delegazzjoni għandu jippresjedi fuq kwalunkwe konferenza stampa uffiċjali jew avvenimenti simili jekk dawn isiru. Il-membri kollha tad-delegazzjoni għandhom jaqblu dwar kwalunkwe stqarrija għall-istampa magħmula f'isem id-delegazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tagħha.

Rapport huwa abbozzat f'konformità mal-Artikolu 234(3) mill-parteċipanti tad-delegazzjoni, taħt il-koordinazzjoni tal-Kap tad-Delegazzjoni, bil-għan li jintlaħaq kunsens. F'każ li ma jintlaħaqx qbil, ikun f'idejn il-President li jiffinalizza l-abbozz tat-test.

Il-Membri jiġu infurmati dwar il-format u t-tul tad-dokument ta' ħidma, li jista' jikkonsisti f'deskrizzjoni taż-żjara u konklużjonijiet/rakkomandazzjonijiet. Huma jistgħu biss jivvotaw dwar il-konklużjonijiet/rakkomandazzjonijiet.

Ir-rapport għandu jitlesta malajr kemm jista' jkun wara ż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni u sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara ż-żjara.

**14. Seduti ta' smigħ pubbliċi**

Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jorganizza smigħ pubbliku biex jikseb informazzjoni minn esperti dwar suġġett wiesa' li jkollu x'jaqsam max-xogħol tal-kumitat. Bħala regola ġenerali, is-smigħ għandu jkopri oqsma ta' interess globali għal bosta petizzjonanti. Il-Kumitat għandu l-għan li jistieden jew jorganizza b'mod konġunt seduti ta' smigħ mal-kumitat leġiżlattiv responsabbli għas-suġġett.

Deċiżjonijiet dwar is-seduti ta' smigħ huma meħuda mill-Koordinaturi. L-esperti mistiedna għal seduti ta' smigħ għandhom jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati.

Il-Kumitat ikollu wkoll ir-responsabbiltà li jorganizza b'mod konġunt seduti ta' smigħ parlamentari ta' Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess flimkien mal-kumitati ewlenin u mal-kumitati assoċjati sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u l-ekwità fit-trattament fost l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej.

**14a. Riżoluzzjonijiet qosra**[1]

Il-ħidma dwar mozzjoni ta' riżoluzzjoni qasira dejjem hija bbażata fuq deċiżjoni mill-Koordinaturi, li jiddefinixxu wkoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-objettiv tat-test. L-ewwel abbozz jitħejja fil-livell tekniku, minn konsulenti tal-grupp politiku bl-appoġġ tas-Segretarjat. L-abbozz tat-test imbagħad jiġi ċċirkolat lill-membri li jinħatru apposta minn kull grupp biex jaġixxu bħala "shadow rapporteurs" (wieħed minn kull grupp). Il-laqgħat tax-shadow rapporteurs isiru taħt il-presidenza tal-President tal-Kumitat jew, f'każ li jkun assenti, minn Viċi President jew minn persuna oħra maħtura mill-President. Dawn il-membri jaħdmu fuq l-abbozz sakemm jintlaħaq ftehim dwar il-verżjoni finali. It-test maqbul jitqiegħed għall-votazzjoni fil-Kumitat. Ma tista' titressaq l-ebda emenda għat-test, iżda l-gruppi politiċi jistgħu jitolbu votazzjonijiet separati u maqsuma. It-tul massimu ta' riżoluzzjoni qasira biex titressaq fil-plenarja hu ta' erba' faċċati (b'1500 karattru għal kull faċċata[2]), inkluż il-premessi u l-paragrafi.

---

[1]Adottati mill-Koordinaturi tal-Kumitat PETI fl-24 ta' Jannar 2017

[2]Skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu

**15. Għeluq ta' petizzjoni**

Il-petizzjonijiet jistgħu jingħalqu fi stadji differenti tal-proċedura:

a. għeluq b'mod parallel mad-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà: permezz ta' proċedura bil-miktub fl-istess ħin li jiġu ddikjarati ammissibbli; il-petizzjonant jiġi infurmat bir-raġunijiet tad-deċiżjoni u jingħata l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti, fejn xieraq;

b. għeluq wara li jiġu ttrattati bħala kwistjoni li taqa' taħt il-punt A fil-Kumitat: il-Kumitat, wara li jikkunsidra l-petizzjoni, jista' jiddeċiedi li l-każ ikun ġie diskuss u riċerkat biżżejjed. Il-President jagħmel proposta għall-għeluq u/jew miżuri ta' segwitu oħra possibbli, bil-għan li jintlaħaq kunsens. Jekk ma jintlaħaq ebda kunsens biex jappoġġja l-proposta mill-President, din titqiegħed għal votazzjoni b'maġġoranza sempliċi. Jekk ma jkunx hemm kworum biex jippermetti votazzjoni, id-deċiżjoni tiġi riferuta lill-Koordinaturi;

c. jekk is-Segretarjat iqis li l-ebda azzjoni oħra ma tista' tmexxi l-petizzjoni 'l quddiem, huwa jissuġġerixxi lill-President jinkludi l-petizzjoni fuq l-aġenda bħala kwistjoni li taqa' taħt il-punt B. Il-lista ta' kwistjonijiet taħt il-punt B hija meqjusa bħala approvata fi tmiem il-laqgħa tal-Kumitat. Jekk Membru joġġezzjona għall-inklużjoni ta' petizzjoni fil-Lista B, huwa jinforma lill-President u lis-Segretarjat mhux aktar tard mill-jum tal-laqgħa tal-Kumitat. Dawn it-talbiet għandhom ikunu akkumpanjati b'ġustifikazzjoni sħiħa u proposta għal azzjoni ulterjuri. Is-Segretarjat jiċċirkola, wara kull laqgħa, lista ta' talbiet li jikkonċernaw petizzjonijiet li jiċċaqalqu mil-Lista B (numru tal-petizzjoni, l-isem tal-Membru tal-PE li jagħmel it-talba, ġustifikazzjoni) lill-Membri kollha tal-Kumitat. Fi żmien ix-xahrejn li jmiss, il-Membru u/jew il-petizzjonant iridu jipprovdu informazzjoni ġdida li tippermetti trattament ulterjuri tal-petizzjoni. Din l-informazzjoni hija ppreżentata lill-Koordinaturi li mbagħad jiddeċiedu dwar il-passi li jmiss. Fin-nuqqas ta' aktar informazzjoni l-petizzjoni tingħalaq. F'każ ta' diversi talbiet dwar l-istess punt B li jipproponu miżuri differenti li għandhom jittieħdu, inkluż l-għoti ta' skadenza ta' xahrejn lill-petizzjonant biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali, il-Koordinaturi jivvutaw fuq it-talbiet kollha;

d. għeluq permezz tal-Anness għall-avviżi tal-President f'każijiet fejn il-petizzjonant jirtira l-petizzjoni tiegħu, ma jkun hemm l-ebda tweġiba mingħand il-petizzjonant qabel skadenza stabbilita, jew ikun hemm raġuni teknika għall-għeluq tal-petizzjoni.

Fil-każijiet kollha, il-petizzjonant jiġi infurmat dwar id-deċiżjoni bil-miktub u ladarba jkun disponibbli, permezz tal-portal PETI.

**16. Il-ftuħ mill-ġdid ta' petizzjonijiet magħluqa**

Il-petizzjonant jista' jitlob li l-petizzjoni tiegħu terġa' tinfetaħ fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni solida, li tipprovdi fatti ġodda importanti. Is-Segretarjat jifli bir-reqqa talbiet bħal dawn.

Huma biss it-talbiet debitament ġustifikati li jitqiegħdu fuq l-aġenda tal-Koordinaturi, flimkien ma' rakkomandazzjoni mill-President dwar jekk għandhiex terġa' tinfetaħ il-petizzjoni jew le, kif ukoll xi azzjonijiet oħra li għandhom jittieħdu.

Il-Koordinaturi se jieħdu deċiżjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ.

**17. Rieżami ta' petizzjonijiet inattivi**

Is-Segretarjat jagħmel ħiltu biex regolarment jirrieżamina l-istatus ta' petizzjonijiet miftuħa. Dawk il-petizzjonijiet li jkunu baqgħu miftuħa, għax ikunu ilhom jistennew aktar informazzjoni mingħand il-petizzjonant għal aktar minn sena, jistgħu jingħalqu fuq parir tas-Segretarjat.

Is-Segretarjat jippreżenta ħarsa ġenerali ta' petizzjonijiet inattivi lill-Membri darba fis-sena.

Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President, petizzjonijiet inattivi jitqiegħdu fuq l-aġenda ta' laqgħa straordinarja tal-Koordinaturi għal deċiżjoni. Il-petizzjonijiet kollha jkunu soġġetti għal eżami każ b'każ qabel l-għeluq.

**18. Il-privatezza u l-kunfidenzjalità**

Ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar it-trasparenza tal-proċedimenti fil-Parlament Ewropew u fil-kumitati japplikaw għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

Id-dokumenti kollha li jsiru disponibbli fil-laqgħat tal-Kumitat huma meqjusa bħala dokumenti pubbliċi, għajr jekk tkun saret talba għall-privatezza jew il-kunfidenzjalità mill-petizzjonant.

Il-petizzjonanti għandhom dritt għall-protezzjoni tal-privatezza tagħhom, iżda għandhom jiftakru li l-laqgħat huma, bħala regola ġenerali, imxandra fuq l-internet.

Meta tasal talba biex ma jixxandarx l-isem għal raġunijiet ta' privatezza, is-Segretarjat jirrispetta t-talba u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet xierqa dwar il-protezzjoni tad-data. L-istess japplika għal Membri li jkollhom aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali fil-bażi tad-data e-Petition.

Il-petizzjonanti li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom fuq il-portal tal-Internet jiġu infurmati bid-dritt tagħhom għal trattament kunfidenzjali tal-petizzjoni tagħhom qabel ma jressqu l-petizzjoni. Dan mhux possibbli għall-petizzjonanti li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom permezz tal-posta normali. Il-petizzjonanti kollha huma mfakkra dwar dan id-dritt f'ittra inizjali mill-Parlament, ipprovduta minn DĠ PRES, li tikkonferma li l-petizzjoni tagħhom tkun waslet.

Id-dokumenti, inklużi l-petizzjonijiet meqjusa bħala kunfidenzjali, huma soġġetti għal aċċess ristrett u m'għandhomx jidhru fil-fajl tal-laqgħat, u lanqas fis-sit web tal-Kumitat jew fil-portal għall-Petizzjonijiet.

Il-petizzjonanti għandhom id-dritt li jitolbu li s-suġġett tagħhom jiġi diskuss bil-magħluq jew mingħajr xandir fuq l-internet.

Biex tiġi protetta l-privatezza ta' partijiet terzi, is-Segretarjat jista' janonimizza petizzjonijiet jekk jidhirlu li jkun xieraq li jagħmel hekk.

Il-Kumitat jista' jikkunsidra fil-futur jekk il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-petizzjonanti fuq dokumenti tal-laqgħa tal-Kumitat u fuq il-portal hijiex meħtieġa.

**19. Skedi ta' żmien interni indikattivi**

Kontestazzjoni tal-Lista 3: qabel ma tagħlaq l-iskadenza proposta mis-Segretarjat bi qbil mal-President.

Adozzjoni ta' dokumenti SIR u kontestazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet: qabel ma tagħlaq l-iskadenza proposta mis-Segretarjat bi qbil mal-President, normalment 16-il jum ta' xogħol.

Jintbagħtu l-proposti ta' kompromess tal-President għal rakkomandazzjonijiet ikkontestati lill-Koordinaturi u l-persunal tal-grupp: ġimgħa qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi.

Talba għal punti fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat: sa mhux aktar tard minn 10 ijiem qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi ta' xahar X, meta l-punt għandu jitqiegħed fl-aġenda ta' xahar x+2.

Talba għal proċedura ta' urġenza: għaxart ijiem qabel laqgħa tal-Koordinaturi.

Iż-żmien għall-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni/preżentazzjoni ta' kontestazzjonijiet dwar petizzjoni fil-qosor f'konformità mal-proċedura ta' urġenza: sitt ijiem ta' xogħol.

Tintbagħat l-aġenda finali tal-Koordinaturi: tlett ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa.

Jintbagħtu r-riżultati tal-Koordinaturi: fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mil-laqgħa.

Jintbagħtu l-kummenti għall-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat u tal-Koordinaturi: ħamest ijiem ta' xogħol.

Issir disponibbli l-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat: l-ewwel abbozz bejn wieħed u ieħor sitt ġimgħat qabel il-laqgħa inkwistjoni; tal-anqas ħamest ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi li matulha għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-aġenda.

Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat (bl-EN): fi żmien ġimgħa mil-laqgħa tal-Kumitat.

Skadenza għal emendi orali u votazzjonijiet maqsuma (opinjonijiet, rapporti, riżoluzzjonijiet): f'nofsinhar (12.00), jumejn ta' xogħol[3] qabel il-votazzjoni (esklużi votazzjonijiet possibbli nhar ta' Tnejn).

Distribuzzjoni tal-lista finali ta' votazzjoni lill-gruppi: fit-15.00 fil-jum ta' qabel il-votazzjoni.

Reazzjonijiet mill-Koordinaturi għall-kompromessi proposti mill-President dwar ir-rakkomandazzjonijiet ikkontestati: jumejn ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Koordinaturi.

Skadenzi li jikkonċernaw il-Lista B

- – preżentazzjoni lill-Membri – flimkien mal-aġenda finali tal-laqgħa tal-Kumitat X
- – talbiet li jinżammu miftuħa – jum il-laqgħa tal-Kumitat X
- – deċiżjoni dwar proċedura ta' segwitu – il-laqgħa tal-Koordinaturi tal-laqgħa tal-Kumitat X+2

[3] Adottati mill-Koordinaturi tal-Kumitat PETI fit-22 ta' Novembru 2017

Anness

**Għodod ipprovduti mir-Regoli ta' Proċedura**

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament japplikaw għall-ħidma kollha tal-Kumitat.

L-Artikoli li ġejjin, mingħajr preġudizzju għal artikoli oħra, huma ta' rilevanza speċifika għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet:

Regoli dwar

– petizzjonijiet, riżoluzzjonijiet qosra fil-plenarja, żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni u Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej, Artikoli 232-236;
– rapporti fuq inizjattiva proprja, Artikolu 55;
– abbozzar ta' rapporti, Artikolu 56;
– opinjonijiet tal-kumitati: opinjonijiet dwar rapporti ta' kumitat ieħor, opinjonijiet minn kumitati oħra, Artikolu 57;

– rapporti konġunti u proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati, Artikolu 59;
– mistoqsijiet orali, Artikolu 136, b'riżoluzzjoni, Artikolu 136(2-5);
– smigħ pubbliku, Artikoli 222, 228, 233;
– Ombudsman, Artikoli 237-239.